Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,970, 6 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 323 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019, għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, ippubblikati bħala Avviż Legali 160 tal-2012, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minfok il-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikunu:

(a) għall-**Iġjene Dentali:** għaddew bi Grad Ċ fil-Livell Intermedju tal-Bioloġija, jew għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Bioloġija; u

(b) għat-**Teknoloġija Dentali:** għaddew bi Grad Ċ fil-Livell Intermedju tal-Kimika jew tal-Bioloġija, jew għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Kimika jew tal-Bioloġija."